

Waqt il-proċedura ta' ksur il-Kummissjoni Ewropea kellha l-opportunità li teżamina l-argumenti ta' difiża adottati mir-Repubblika Taljana sabiex tiġġustifika l-leġiżlazzjoni in kwistjoni, u qieset li ma kinux adattati għal dan l-għan. Madankollu, reċentement il-Gvern Taljan ħabbar li jrid jirrifirma l-imsemmija leġiżlazzjoni sabiex irendiha konformi mad-dritt Komunitarju; ir-rikors li għadu kif tressaq jista' jħaffef dan il-proċess ta' riforma.

(¹) ĠU L 255, p. 6.

Appell imressaq fit-30 ta' Novembru 2007 minn Imagination Technologies Ltd mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) ta' l-20 ta' Settembru 2007 fil-Kawża T-461/04, Imagination Technologies Ltd vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

(Kawża C-542/07 P)

(2008/C 37/25)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Imagination Technologies Ltd (rappreżentant: M. Edenborough, Barrister)

Parti oħra fil-kawża: Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tal-parti rikorrenti

Ir-rikorrenti ssostni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza;
- tikkundanna lill-UASI jbati l-ispejjeż ta' l-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u dawk ta' l-appell quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti ssostni li l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 2396075, li tirrigwarda t-trade mark verbali PURE DIGITAL, ma tmurx kontra la l-

Artikolu 7(1)(b) u lanqas l-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark Komunitarja, peress li minn meta ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, hija kisbet karattru distintiv. Hija ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball fl-analiżi tagħha tal-leġiżlazzjoni rilevanti; b'mod partikolari, hija żbaljat meta naqset milli tqis li l-użu wara d-data tal-preżentata kien rilevanti għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni tal-karattru distintiv miksub.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat meta ħadhet l-appell imressaq quddiemha. Ir-rikorrenti ssostni għalhekk li l-appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza għandu jiġi milqugħ u li s-sentenza kkontestata tiġi annullata. Ir-rikorrenti titlob ukoll li titħallas lura l-ispejjeż li hija sostniet fil-kuntest ta' din il-proċedura ta' appell u għall-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

Rikors imressaq fit-3 ta' Diċembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-543/07)

(2008/C 37/26)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: M. Van Beek, aġent)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju

Talbiet

— tiddikjara li, billi ma adottax id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/73/KE (¹) tat-23 ta' Settembru 2002, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' aċċess għall-impjeg, taħriġ professjonali u promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol jew, f'kull każ, billi ma nnotifikhomx lill-Kummissjoni, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skond din id-Direttiva;

— tikkundanna lir-Renju tal-Belġju jbati l-ispejjeż.